**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Violet Saliba (KI 0487838 (M)), f'isimha propju u bhala prokuratrici ta' Theresa Walker, u Edwich Mercieca, assenti minn Malta, Mary Desira (KI 8434(M)), Maria Concetta Micallef (KI 886352(M)) u Paul Caruana (KI 155560(M))**

**Vs**

**Gaetano Cassar (KI 474142(M))**

**Rikors Gur nru. 104/17**

Illum 25 ta' Ottubru 2017

Il-Bord,

Ra r-rikors guramentat ta' Violet Saliba pro et noe et li jaqra hekk:

1) Ir-rikorrenti huma s-sidien tal-fond ossia l-bar maghruf bhala 'The Melbourne Bar', ta' mija u sebgha (107), Triq Luqa Briffa, iz-Zejtun, liema fond prezentement huwa okkupat minn l-intimat b'titolu ta' kera sa mis-snin sittin. Il-kera pagabbli hija dik ta' mitejn ewro (€200) kull erba' (4) xhur;

2) Minkejja dan, dan il-fond ilu ghal zmien jinzamm maghluq u/jew mhux uzat, u ghaldaqstant, ma huwiex qed jigi uzat ghall-iskop li ghalih huwa gie mikri lilu. Dan l-istat ta' fatt ilu fis-sehh snin twal. Dan gie sahansitra accettat mill-intimat, illi bil-fomm accetta l-inadempjenza tieghu u qabel li sahansitra jizgombra bil-fond, izda minkejja li ghadda z-zmien, l-impenn tieghu qatt ma onorah b'mod formali;

3) Sa fejn jaf ir-rikorrenti, l-intimat m'ghandux difiza x'jaghti kontra din it-talba u ghaldaqstant dan il-Bord qieghed jigi mtlub sabiex joghgbu jghaddi sabiex jiddeciedi li jilqa' t-talba taghha minghajr ma jghaddi ghas-smigh tal-kawza, u dan kif mahsub fl-artikolu 16A tal-Kapitlou 69 tal-Ligijiet ta' Malta ;

4) Ir-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.;

5) Ghar-ragunijeit fuq imsemmija, jezistu l-elementi li trid il-ligi sabiex issir din it-talba, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza ai termini tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, illi stante c-cirkostanzi cari prezenti, qedghda tintalab illi tigi deciza skont kif mahsib fl-artikolu 16A tal-istess Kapitolu 69;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, il-Bord li Jirregola l-Kera m'ghandux:

1. Jghaddi biex jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh skont kif mahsub fl-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Jordna, ghar-ragunijiet fuq premessi, lill-intimat sabiex jivvaka mill-fond ossia ossia l-bar 'The Melbourne Bar' , ta' 107, Triq Luqa Briffa, Zejtun, u jipprefiggi zmien qasir u perentorju li fih l-intimat ghandu jizgumbra mill-istess fond, inehhi dak kollu li huwa hwejgu u jaghti lura l-pussess battal tal-istess fond lir0rikorrenti fl-istess stat tajjeb illi kien mghoddi lilu, u jawtyorizza ghaldaqstant lir-rikorrenti sabiex jiehdu lura l-pussess ta' dan il-fond, dan kollu ai termini tal-ratikolu 9 tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Bl-isepejjez kontra l-intimat, li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni guramentata.

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors promotur u bl-avviz ghas-smiegh u li meta msejjah diversi drabi baqa' ma deherx biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Sema' lil Violet Saliba.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidra:

Illi mill-provi rrizulta li l-intimat kien jikri sa mis-snin sittin minghand l-aventi causa tar-rikorrenti l-fond inkwistjoni. Dan il-fond kien intiz biex jintuza' bhala bar izda ghal zmien twil jinzamm maghluq. Is-sidien interpellawh sabiex johrog mill-fond u jhalli l-pussess battal izda ma harigx mill-fond.

L-intimat ma deherx u ma kkontestax it-talbiet tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant il-Bord se jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ai fini ta' zgumbrament mill-fond 'The Melbourne Bar',

ta’ 107, Triq Luqa Briffa, Zejtun, il-Bord jipprefiggi bhala termiu perentorju erbghin (40) jum.

Spejjez a karigu tal-intimat.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**